MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 9/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B pprezentat fit-12 ta' Jannar 2011 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti (1) tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijeit ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut; (2) tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet imsemmija fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili kif ukoll dak kollu li l-konvenut kiseb minghand l-attrici bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew taht titolu iehor gratuwitu kif ukoll kull jedd tal-konvenut ghan-nofs tal-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma tal-attrici wara d-data li ghandha tigi stabbilita mill-Qorti bhala d-data li fiha l-konvenut kien hati tal-firda u

ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet kontra l-konvenut; (3) tiffissa manteniment ghall-attrici u ghal minuri Andrew u Lara; (4) tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri f'idejn l-attrici; (5) tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B u taqsam u tassenja l-istess komunjoni; bl-ispejjez kontra l-konvenut u dan wara li ppremetta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Ottubru 1992 minn liema zwieg kellhom zewgt itfal li ghadhom minorenni u li z-zwieg trarrak minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha qed jilqa' ghall-azzjoni attrici bil-mod segwenti:-

Illi l-konvenut jaqbel illi l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero din ghandha tigi ppronunzjata minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici u lilu. Fil-fatt l-attrici tahti principalment ghal adulterju u abbandun, u dan kif ser jigi spjegat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-esponent jopponi ghat-tieni talba biex jigu applikati fil-konfront tieghu is-sanzjonijiet tal-ligi imsemmija mill-attrici pero dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront ta' l-attrici ghar-ragunijiet moghtija fl-ewwel eccezzjoni.

Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba ghall-hlas ta' manteniment ghat-tfal purche li l-ammont iffissat ikun jirrifletti l-introjtu tal-partijiet u l-ispejjez relattivi. Presenzjalment jigi rilevat illi l-esponent huwa dizokkupat.

Illi pero l-esponent jopponi li jkun hemm xi tip ta' manteniment ghall-attrici u dan stante illi l-attrici tins ab f'relazzjoni adultera liema relazzjoni kienet il-kawza principali tat-tifrik fiz-zwieg u ghalhekk ghandha tiddekadi minn dan id-dritt. Apparti minn hekk hija ghandha impjieg u mghandha l-ebda xkiel li tibqa' f'dan l-impjieg stante li t-tfal ghandhom l-etajiet ta' hmistax u sittax-il sena.

Illi l-esponent jopponi ghar-raba' talba u jissottometti illi fic-cirkostanzi l-kura u kustodja ghandha tigi fdata lilu jew ghandha tkun wahda kongunta.

Illi l-esponent ma jopponix li tigi terminata u likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti purche illi jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet imsemmija hawn fuq u purche illi l-attrici tigi ordnata tirrestitwixxi xi oggetti parafernali u personali ta’ l-esponent.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2012 l-attrici talbet li terga tirriverti ghal kunjom xbubitha “Grixti”.

Rat illi fl-istess seduta l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**PROVI.**

L-attrici xhedet illi hi u l-konvenut izzewgu fit-2 ta’ Ottubru 1992. Minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal li twieldu rispettivament fis-snin 1993 u 1995. Hi tispjega li l-problemi matrimonjali bdew ftit wara li zzewgu peress li tilef l-impieg li kellu mal-armata u ma kellhomx dhul biex ihallsu is-self li kienu ghamlu biex xtraw il-flat li fih joqghodu.

Il-konvenut kien tressaq il-Qorti fuq akkuzi relatati mad-droga u wara xi sena l-habs inghata l-liberta’ provvizorja. Minhabba li l-bank beda proceduri kontra taghhom biex jithallas is-self il-partijiet bieghu id-dar u hallsu s-self lill-bank. Bil-flus li kien baqa’ xtraw yacht bil-valur ta’ Lm23,000 u marru jghixu fiha izda din spiccat mizmuma mill-pulizija wara li l-konvenut inqabad inqabad jimporta fuqha xi ghasafar minn Tunez u tressaq il-Qorti. Dan il-yacht ghadu mizmum sallum pendenti l-proceduri kriminali kontra zewgha l-konvenut.

Illum il-gurnata l-attrici tghix ma’ uliedha f’post mikri filwaqt li wara li hareg mill-habs il-konvenut mar jghix ghand ommu.

Hija spjegat li m'hemmx assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti hlief ghal yacht mizmum mill-awtoritajiet pendenti l-proceduri gudizzjarji kontra l-konvenut.

Manteniment ghaliha mhiex tippretendi izda qed titlob manteniment sakemm bintha Lara issir maggorenni. Hija spjegat li l-konvenut illum jahdem ma' kumpanija lokali li taghmel il-cruises fil-portijiet u ghandu paga.

L-attrici spjegat li xi sentejn u nofs ilu xtrat vettura tal-marka Peugeot 306. Taf li l-konvenut ghandu frejgatina li pero' m'ghandha l-ebda pretensjoni fuqha.

Iben il-partijiet Andrew illum huwa maggorenni filwaqt li Lara ghadha minuri u ghalqet sbatax-il sena f'Dicembru li ghadda. Skond l-attrici Lara ghandha part-time job.

**HTIJA GHALL-FIRDA.**

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici il-Qorti hi konvinta li l-konvenut huwa unikament responabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma kienx prijorita' fil-hajja tal-konvenut. Ghalkemm il-proceduri kriminali kontra l-konvenut ghadhom pendenti, l-agir tieghu ghamel hsara kbira ir-relazzjoni tieghu mal-attrici li wassal biex iz-zwieg jitfarrak. Skond l-attrici il-konvenut illum jikkoabita ma' mara ohra.

Fil-fehma tal-Qorti

Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba attrici ser jigu akkolti.

**MANTENIMENT.**

L-attrici mhiex qed titlob manteniment ghaliha pero' qed titlob manteniment ghal ulied il-partijiet. Meta giet intavolata l-kawza iz-zewg ulied tal-partijiet kienu ghadhom minuri, Andrew sittax-il sena u Lara hmistax-il sena. Illum Andrew sar maggorenni filwaqt li Lara ghandha sbatax-il sena, tghix mal-attrici u ghandha impieg part-time bhala waitress. Peress li l-minuri m'ghandiex impieg full-time il-Qorti ser takkorda

manteniment ridott ghall-minuri sakemm din issib impieg full time jew sakemm taghlaw tmintax-il sena, liema tavvera ruhha l-ewwel. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar id-dhul tieghu u ghalkemm jirrizulta li qabel gew istitwiti dawn il-proceduri huwa ghamel zmien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, wara li gie rilaxxjat huwa sab impieg. Fic-cirkostanzi huwa ekwu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas bhala manteniment ghaz-zewg minuri, fir-rigward ta' Andrew sakemm ghalaq tmintax-il sena u fir-rigward tal-minuri Lara sakemm taghlaq tmintax-il sena jew sakemm issib impieg full-time. Ghaz-zmien li ghadda il-Qorti qed tiffissa s-somma ta' erbat elef ewro (Ewro 4,000) bhala l-ammont li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici b'kumpens ghall-manteniment li kien obbligat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Sakemm il-minuri Lara taghlaq tmintax-il sena jew tibda' tahdem full-time, liema tavvera l-ewwel, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mitt ewro (Ewro100) fix-xahar.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.**

Din tikkonsisti biss f'yacht bl-isem "Hawke Wind" illum maqbud mill-awtoritajiet, frejgatina u vettura Peugoet.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li jkun ekwu li l-vettura Peugeot registrata fuq isem l-attrici A B tigi assenjata lill-istess A B, il-frejgatina tigi assenjata lill-konvenut C B u fir-rigward tal-yacht "Hawke Wind" registrata presumibilment fuq isem il-konvenut, din ghandha, fl-eventwalita' li tigi rilaxxjata mill-awtoritajiet kompetenti, tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'ishma indaqs bejniethom.

**DECIDE.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kovenut, tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li t-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien unikament tort tal-konvenut.
2. Tilqa' t-tieni talba u tistabbilixxi d-data tal-1 ta' Lulju 2008 bhala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruhu hati ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet u tiddikjara li l-konvenut tilef kull jedd fuq l-akkwisti tal-attrici mill-1 ta' Lulju 2008 'il quddiem.
3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaz-zewg ulied tal-partijiet, fir-rigward ta' Andrew is-somma ta' mitt ewro fix-xhar mit-12 ta' Jannar 2011 ghaz-zmien li kien minorenni fil-mori tal-kawza u fir-rigward tal-minuri Lara fis-somma ta' mitt ewro fix-xahar mit-12 ta' Jannar 2011 sakemm taghlaq it-tmintax-il sena jew sakemm tibda' tahdem full-time, liema tavvera l-ewwel.
4. Tilqa' r-raba talba u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Lara f'idejn esklussivament l-attrici b'access liberu favur il-konvenut.
5. Tittermina u ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Tassenja l-vettura Peugeot licenzjata fuq isem l-attrici lill-istess attrici, tassenja l-frejqatina fuq imsemmija lill-konvenut. Fl-eventwalita' li l-yacht "Hawke Wind" jigi rilaxxjat mill-awtoritajiet kompetenti, dan ghandu jinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet b'dan illi jekk l-arretrati ta' manteniment ikun ghadu ma giex saldat mill-konvenut, mir-rikavat ghandu l-ewwel jigi percepit mill-attrici l-arretrati ta' manteniment li l-konvenut gie ordnat ihallas permezz ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------